# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 14 ta' Lulju 2016

Rikors Guramentat Nru. 3 / 16RGM

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C DE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni li hija kellha mal-intimat, nhar id-29 ta' Jannar 2013 twieldet tifla bl-isem ta' Danae E B.

2. Illi minn dakinhar li twieldet il-minuri sal-gurnata tallum, l-intimat qajla ha hsieb l-interessi ta' bintu u kienet ghalhekk l-esponenti li dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet taghha wahedha.

3. Illi fil-fatt l-intimat mhux jikkontribwixxi bl-ebda mod ghall-istess bintu u lanqas m'hu juri x-xewqa illi jkollu access ghaliha, u dan anke meta kienet ir-rikorrenti stess li fil-passat kienet theggu biex jara lil bintu.

4. Illi bint il-kontendenti li ghadha lanqas ghalqet l-eta' ta' tliet snin lanqas biss taghrfu lill-intimat jekk tarah ghaliex huwa ilu ma jkollu access ghaliha sa minn Gunju 2014 meta kien ra lill-minuri biss ghal hames minuti u fuq insistenza tar-rikorrenti stess. Fil-fatt, f'okkazjoni recenti meta r-rikorrenti kienet flimkien

ma' bintha f'post pubbliku fejn kien hemm ukoll l-intimat, dan malli rahom dawwar rasu biex jevita illi jkollu xi tip ta' kuntatt ma' bintu.

5. Illi minkejja d-diversi tentattivi li ghamlet ir-rikorrenti anke permezz ta' diversi seduti ta' medjazzjoni skont il-ligi, sabiex tasal fi qbil mal-intimat dwar il-kura u kustodja ta' binthom, dan il-qbil baqa' qatt ma sehh ghaliex l-intimat ma jridx jerfa' responsabbilta' lejn il-minorenni u ghall-ahhar medjazzjoni naqas milli jattendi. Fil-fatt l-interess tal-intimat kien ikun illi mal-gheluq tal-medjazzjoni, wara t-trapass tat-terminu ta' xahrejn, huwa jfittex iressaq rikors biex jinqata' l-manteniment li jkun gie ordnat pendente lite.

6. Illi ghalhekk m'hemmx dubbju illi l-intimat abbanduna lil bintu u bl-imgieba tieghu qieghed jirreka hsara lilha u lit-trobbija taghha. Illi ghalhekk huwa qieghed jonqos milli jagixxi ta' genitur skont il-ligi billi huwa qieghed ukoll inter alia jonqos mill-obbligu tieghu li jmantni lil bintu u li jiehu hsieb l-edukazzjoni taghha.

7. Illi hija giet awtorizzata illi tressaq din il-kawza permezz ta' mediazzjoni u skont id-digriet bin-numru 2866/15'.

8. Illi ghalhekk hija kellha tressaq din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u prevja kull dikjarazzjoni ohra li thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, din il-Qorti joghgobha:

1. Tordna illi r-rikorrenti jkollha s-setgha ta' genitur esklussiva tal-minuri Danae E B u li ghalhekk hija jkollha s-setgha illi tiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-minuri minghajr il-htiega tal-awtorizzazzjoni jew kunsens tal-intimat;

2. Tordna illi l-intimat titnehhielu s-setgha ta' genitur fuq il-minuri Danae E B u li ma jkollu l-ebda access ghaliha.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz illi din il-Qorti ma thossx illi ghandha tnehhi s-setgha ta' genitur lill-intimat, tordna illi r-rikorrenti jkollha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Danae E B u li ghalhekk hija jkollha s-setgha illi tiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-minuri minghajr il-htiega tal-awtorizzazzjoni jew kunsens tal-intimat.

4. Tordna illi l-intimat ihallas manteniment adegwat ghall-bintu Danae E B f'dik is-somma li din il-Qorti thoss li ghandha tiffissa.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Preliminarjament, illi l-azzjoni attrici hi nulla in kwantu ma gewx segwiti l-precetti tal-medjazzjoni kif trid il-ligi billi l-esponenti ma giex notifikat bl-atti dwar is-seduti li nzammu billi dawn ma ntbghatux fl-indirizz tal-esponenti;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel u t-tieni talba ghandhom jigu michuda stante li ma jirrizultawx il-massimi li trid il-ligi ghat-tnehhija tas-setgha ta' genitur u/jew li ma jkollux access ghall-minuri;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tielet talba ghandha tigi michuda u dan billi ma jezistux il-massimi sabiex l-eccipjenti jigi mcahhad mill-kura u l-kustodia ta' bintu;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tar-raba' talba, l-esponenti jaqbel li ghandu jigi ffissat manteniment xieraq skond il-ligi;

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fejn imiss ma' spejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-attrici stante li din irrikorriet ghall-proceduri ta' medjazzjoni ghal diversi drabi u kien biss wara t-tielet darba li pprocediet bl-odjerna kawza fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma kienx notifikat bil-medjazzjoni u ghalhekk ma setax jevita din il-kawza billi jasal ghal ftehim bonarja;

Illi in sostenn ta' dan, l-esponenti jiddikjara s-segwenti fatti, liema fatti huwa jaf bihom personalment, u bl-istess gurament tieghu jikkonfermahom;

1. Illi l-esponenti huwa missier il-minuri Danae E B li twieldet nhar id-29 ta' Jannar 2013 lill-kontendenti;

2. Illi wara li l-partijiet ma baqghux f'relazzjoni, il-komunikazzjoni ta' bejniethom marret ghall-aghar tant li kuntatt bejniethom dejjem iwassal ghall-glied u argumenti;

3. Illi ghal perjodu qasir wara li l-partrjiet ma baqghux f'relazzjoni l-esponenti kien baqa' imur jara lill-bintu izda dan setgha biss jaghmlu fil-prezenza tar-rikorrenti;

4. Illi l-prezenza tar-rikorrenti dejjem waslet ghal aktar dizgwid u hsara ghall-istess minuri;

5. Illi ghalhekk, sabiex jevita l-konfronti, b'sagrificcju kbir, l-esponenti kien allontana ruhu mill-minuri;

6. Illi, kuntrarjament ghal dak dikjarat mir-rikorrenti, meta l-partijiet iltaqghu f'postijiet pubblici bhal fil-festa tar-rahal, kienet ir-rikorrenti li dawret lil bint il-partijiet sabiex ma tarax lil missierha;

7. Illi dan l-agir jikkontrasta ferm mad-dikjarazzjoni tal-esponenti li kienet tinsisti li l-esponenti ikollu relazzjoni ma' bintu;

8. Illi l-esponenti jixtieq li jkollu relazzjoni ma' bintu bhal kull missier iehor;

9. Illi l-attrici pprocediet bil-procedura tal-medjazzjoni u inghatat l-awtorizazzjoni sabiex tipprocedi ghal darba, darbtejn imma din qatt ma ressqet il-kawza u dejjem strahet fuq digrieti provizorji fejn imiss ma' manteniment. Kull negozjar da parti tal-esponenti ma wassal ghall-ebda arrangament ghaliex l-attrici ma ridetx tiddiskuti. Wara li t-tieni awtorizazzjoni li rceviet skadiet, hija ghaddiet ghat-tielet medjazzjoni fejn din id-darba l-esponenti ma giex notifikat bil-proceduri;

10. Illi mbaghad l-esponenti gie notifikat bl-odjerna kawza.

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta' April 2016, il-Qorti nnominat lill-espert gudizzjarju Caroline Mallia, a spejjez provvizorjament tal-konvenut sabiex tassisti professjonalment lill-partijiet jaghrfu r-rwol taghhom bhala genituri tal-wild komuni Danae kif ukoll sabiex tassisti lill-minuri tistabilixxi relazzjoni pozittiva ma' missierha l-konvenut.

Semghet ix-xhieda tal-istess Caroline Mallia.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2016 il-partijiet iddikjaraw illi huma lahqu ftehim bejniethom sabiex inter alia, (1) l-attrici jkollha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri; (2) l-konvenut ma jezercitax access versu l-minuri ghar-ragunijiet spjegati mill-espert gudizzjarju Caroline Mallia; (3) l-konvenut ihallas is-somma ta' €230 fix-xahar lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri, liema somma tizdied annwalment skond l-indici tal-gholi tal-hajja; (4) l-attrici ghandha s-setgha li tapplika wahedha ghall-passaport tal-minuri u li tiehu d-decizjonijiet kollha fl-interess tal-minuri, anke dawk straordinarji, minghajr il-htiega tal-kunsens jew partecipazzjoni tal-konvenut; (5) illi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejniethom.

Rat it-talba tal-partijiet sabiex il-Qorti tippronunzja s-sentenza taghha fit-termini tal-ftehim minnhom ivverbalizzat.
Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet, anki abbazi ta' dak li xehdet Caroline Mallia, huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri.

**Decide**

Illi in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fir-rigward tal-minuri, u tenut kont li fil-fehma tal-Qorti it-termini tat-transazzjoni fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huma fl-ahjar interess tal-minuri, qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut fid-dawl ta' dak hawn deciz tilqa' t-talbiet attrici :-

1. Tordna li s-setgha ta' genitur u l-kura u l-kustodja fuq il-minuri Danae E B, imwielda fid-29 ta' Jannar 2013, ikunu esklussivament f'idejn A B, omm il-minuri., u todna illi l-konvenut ma jkollu ebda access ghall-minuri Danae.

2. Tordna illi l-attrici ghandha s-setgha li tiehu d-decizzjonijiet kollha rigwardanti l-minuri, inkluz dawn straordinarji, minghajr il-htiega ta' awtorizazzjoni, kunsens jew partecipazzjoni da parti tal-konvenut, inkluz is-setgha illi tapplika wahedha ghall-passaport tal-minuri.

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Danae is-somma ta' mitejn u tletin Euro fix-xahar (€230) fix-xahar b'effett mit-30 ta' Gunju 2016. L-imsemmi manteniment ghandu jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas fl-eventwalita' li l-minuri jibqa' jistudja full-time sakemm taghlaq 23 sena.

Fic-cirkostanzi u in vista tat-transazzjoni ta' bejn il-partijiet l-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**